MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 411/2012

Sandro Bruno

(ID 516055M)

vs

Francesca Stivala

(ID 188886M)

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta' Dicembru 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-'email' datata 16 ta' Novembru 2012, cirkolata ma' l-istaff akkademiku kollha tal-Kullegg St. Edwards, fejn ir-rikorrenti huwa il-Bursar u l-intimata kienet ghalliema ghal xi zmien, talab lill-Qorti tiddikjara illi tali 'email' kienet malafamanti u libelluza fil-konfront tieghu billi tali email allegat fatti inveritjeri fil-konfront tar-rikorrent kif ukoll ikkontejniet ritratt fejn intuza kliem dispreggjattiv li, permezz ta' karikatura, deher li r-rikorrent kien qieghed jghid lill-terza persuna ohra, u li kienu intizi sabiex inaqqsu u jattakaw l-integrita, kapacita' u reputazzjoni tar-rikorrent.**

**Rat ir-risposta ta' l-intimata ippresentata fl-1 ta' Frar 2013 fejn, preliminarjament, sahqet illi d-dokument li dwaru qed jilmenta ir-rikorrent ma jikkwalifikax bhala stampat jew xandira a tenur tal-Kap 248 filwaqt illi sahqet illi ma hemm xejn libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur. Insistiet illi l-email hija biss espressjoni ta' l-opinjoni taghha u, la ir-ritratt u lanqas l-email, ma jindikaw lir-rikorrent b'ismu. Sahqet ukoll illi, dwar ir-ritratt, il kliem li hemm ma jirriferux ghar-rikorrent u wiccu huwa sfukat sabiex ma jintgharafx. Sahqet ukoll illi ma hemmx l-animu injuriandi da' parte taghha u, dak illi hija qalet kien bbazat fuq fatti sostanzjalment veri li dwarhom kienet taf hija stess.**

**Rat illi, fuq talba tar-rikorrenti, fit 13 ta' Gunju 2013 l-eccezzjonijiet gew sfilzati stante illi l-intimata kienet imsiefra meta giet notifikata u ghalhekk kienu notifikati erronjament u ghalhekk kellhom jigu mahtura kuraturi deputati.**

**Rat illi fit 30 ta' Lulju 2013, l-intimata personalment ippresentat l-istess eccezzjonijiet gia ippresentati fl-1 ta' Frar 2013.**

**Semghet ix-xhieda ta'** Analise Micallef**, Deputy Bursan fil-Kullegg ta' St. Edwards, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2013.**

**Semghet ix-xhieda ta'** Sandro Bruno**, ir-rikorrent, li huwa wkoll Bursar fil-Kullegg ta' St. Edwards, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2013.**

**Semghet ix-xhieda bil-lingwa Inglisa ta'** William Watson**, Head of Department tal-Maths fil-Kullegg ta' St. Edwards, moghtija fis 7 ta' April 2014.**

**Semghet ix-xhieda ta’** Rose Sultana**, Examination Secretary fi hdan il-Kullegg ta’ St. Edwards, moghtija fis 7 ta’ April 2014.**

**Rat illi fis 7 ta’ April 2014 il-provi rikorrenti gew dikjarati maghluqa.**

**Rat l-affidavit ta’** Francesca Stivala**, bil-lingwa Ingliza, ippresentat fit 2 ta’ Gunju 2014.**

**Rat illi fit 2 ta’ Gunju 2014 l-intimata iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.**

**Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Francesca Stivala mogthija fit 22 ta’ Settembru 2014.**

**Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentat fis 7 ta’ Novembru 2014.**

**Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimata ippresnetata fil 5 ta’ Frar 2015.**

**Semghet id-difensuri tal-partijiet jittrattaw ulterjorment, wara liema trattazzjoni il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.**

Ikkunsidrat

**Jirrizulta illi r-rikorrent huwa il-Bursar ta’ l-iskola ossija Kullegg St. Edwards u, bhala Bursar, jamministra id-Dipartiment tal-Kontabilita’ ta’ l-istess skola, f’liema Dipartiment hemm hu flimkien ma’ Deputy Bursar, ossija Analise Micallef. Bhala wahda mill-mansjonijiet tieghu, huwa jiehu hsieb il-kuntratti ta’ l-impjieg ta’ kull min jahdem fil-Kullegg.**

**Jirrizulta illi l-intimata, fis-26 ta' Settembru 2011, kienet giet impjegata bhala '*temporary teacher*' ghas-sena skolastika 2011/2012, illi tibda fl-1 ta' Settembru u tispicca fil 31 ta' Awissu tas-sena ta' wara.**

**Jirrizulta illi, wara li l-impjieg ta' l-intimata kien gie terminat, hija talbet li tithallas il-paga taghha ghax-xahar ta' Settembru 2012, stante illi sahqet illi hija kienet hadmet f'dak il-periodu u ghalhekk kellha tithallas.**

**Jirrizulta, izda, illi r-rikorrenti kien gharrafha illi l-kuntratt taghha kien spicca fil 31 ta' Awissu 2012 u ma kien dovut ebda pagament iehor lilha.**

**Jirrizulta illi, sussegwentement, l-intimata irrappurtat il-kaz lid-Dipartiment ta' l-Impjiegi sabiex dana jigi minnhom investigat, izda irrizulta li ma nstab ebda irregolarita' u ghalhekk ma ttiehdu ebda proceduri kontra il-Kullegg St Edwards u l-intimata baqghet ma thallsietx ghax-xahar ta' Settembru illi taghha kienet qieghda tippretendi hlas.**

**Jirrizulta illi, fis-16 ta' Novembru 2012, l-intimata bghatet email intitolata "*To all the staff at SEC*" (St Edwards College), li intbghatet lill sebgha u erbghin persuna differenti, u fiha kitbet dan li gej:**

> ***Dear all (in particular newly-employed teachers)***
>
> ***Due to the creative skills of the SEC Accounting Department, teachers employed on a one-year contracts with SEC receive only 11 months pay.***
>
> ***This is a gross mistreatment of temporary teachers.***
>
> ***While you all received your September pay check (sic), I did not, as I was told that I only worked 11 months of the year.***
>
> ***Regards***

***Fran Stivala***

**Jirrizulta illi, flimkien ma' l-email, gie anness ukoll ritratt illi juri zewgt persuni, ragel u mara, b'wicchom oskurat, u fiha jidher illi r-ragel qieghed ikellem lill-mara u fil-parti ta' fuq tar-ritratt hemm miktub li qed jghid "*ghax ha nghidlek - I mess with people for a living …*"**

**Jirrizulta, anke ammess mill-intimata stess, illi r-ragel li jidher fir-ritratt kien attwalment ir-rikorrent Sandro Bruno filwaqt illi l-mara li tidher hemm hija Analise Micallef illi tahdem fid-Dipartiment li fih jahdem ir-rikorrent.**

**Jirrizulta, mill-provi prodotti, ossija ix-xhieda mressqa mir-rikorrent u li jahdmu mieghu fil-Kullegg St. Edwards, illi l-email li ntbghatet mill-intimata lill-impjegati kollha tal-Kullegg kellha effetti negattivi hafna u kullhadd hassu urtat u xxukkjat b'dak li kien hemm. Fi kliem William Watson "*I was in complete shock*" u, kif stqarr l-istess Watson, anke ir-Rettur ta' l-iskola kellu l-istess reazzjoni. Rose Sultana kellha l-istess reazzjoni ukoll.**

Ikkunsidrat

**Jirrizulta illi l-intimata, kif ammettiet hija stess, hekk kif hassitha urtata bil-fatt illi ma kienetx ser tithallas ghax-xahar ta' Settembru, riedet, kif qalet hi, "*to warn other teachers, particularly first-year teachers, who may find themselves in a situation simliar to mine. …. I proceeded to circulate an email to all the staff at St. Edwards, explaining my circumstance. I also attached an image that I created from a photograph.*"**

**Jirrizulta illi, ghalkemm l-intimata sahqet li hija ma kienetx qed tindirizza lir-rikorrent fl-email u ritratt minnha mibghut fis-16 ta' Settembru 2012, hija offriet illi taghmel apologija lill-istess rikorrent izda irrifjutat illi taghmel dan bil-mod kif ried ir-rikorrenti, ossija bil-mitkub u bi kliem minnu redatt.**

**Jirrizulta wkoll illi, kif ammettiet l-intimata stess, hija kienet irrabjata hafna dwar is-sitwazzjoni illi fiha spiccat u, apparti li tgharraf lill-kullhadd bis-sitwazzjoni li kienet spiccat fiha, bghatet ir-ritratt sabiex tisfoga r-rabja illi hija kellha lejn min kien imexxi id-Dipartiment tal-Kontabilita' tal-Kullegg St. Edwards, ossija ir-rikorrent.**

Ikkunsidrat.

**L-intimata, fid-difiza taghha, tqajjem diversi difizi a favur taghha, li, fis-succint huma s-segwenti:**

- **l-email u ritratt ma jikkwalifikawx bhala stampat jew xandira a tenur tal-Kap 248**
- **l-email u ir-ritratt mhumiex libelluzi fil-konfront ta' l-attur**
- **l-email jikkonsisti f'opinjoni u fair comment ta' l-intimata dwar fatti illi taf dwarhom hija personalment u li huma sostanzjalment veri**
- **l-email u ir-ritratt ma jaghmlu ebda referenza ghar-rikorrent u l-ucuh ma jintgharrfux**
- **Ma hemmx animo injuriandi da' parte ta' l-intimata.**

**Jisthoqq ghalhekk illi l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra, l-ewwel u qablel kollox, l-ewwel difiza imressqa mill-intimata, ossija illi l-email u ritratt ma jikkwalifikawx bhala stampat jew xandira a tenur tal-Kap 248.**

Ikkunsidrat

**Meta wiehed jikkunsidra l-eccezzjoni li l-email u ritratt ma jikkwalifikawx bhala stampat jew xandira a tenur tal-Kap 248, wiehed ikollu jistrieh fuq l-artikolu principali illi jipprovdi ghall-azzjoni odjerna kif ukoll ghad-definizzjonijiet pprovduti fl-istess Att.**

**L-Artikolu 3 tal-Kap 248 jipprovdi illi:**

> ***Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir.***

**L-Artikolu 2 tal-Kap 248 jidefenixxi '**pubblikazzjoni**' bhala**

> ***kull att li bih kull stampat jiġi jew jista' jiġi ikkommunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra;***

**L-istess Artikolu jidefenixxi '**stampat**' bhala:**

> ***kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil- litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti;***

**L-istess Artikolu jidefenixxi ukoll il-kelma '**xandir**' billi jiddefeniha bhala:**

> ***it-trasmissjoni permezz ta' fili jew minn ġewwa l-arja, inkluża wkoll permezz ta' satellita, f'għamla kodifikata jew mhijiex; ta' kliem jew immaġini viżivi, sew jekk dawk il-kliem jew immaġini jkunu fil-fatt riċevuti minn xi persuna sew jekk le.***

**Fil-kaz odjern, ghandna email u ritratt anness mieghu illi ntbghat lill ftit anqas minn hamsin persuna permezz ta' posta elettronika, ossija 'email'.**

**Ghalkemm l-email ma tidhirx illi hija kkunsidrata bhala 'xandir' da parte tal-legislatur, stante illi jidher li xandir huwa aktar intiz bhala dak li jintwera u jissemma fuq it-television u ir-radio, certament tali email ghandha titqies bhala 'stampat' stante illi l-ligi tikkontempla "*jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti*".**

**Jirrizulta ukoll illi saret il- "pubblikazzjoni" tali email, ossija stampat, peress illi dina giet ikkomunikata lill-persuni illi lilhom kienet intenzjonata l-email.**

**Ghalhekk, id-difiza li 'email' ma hijiex komunikazzjoni kontemplata fil-Kap 248 hija wahda skorretta u ghandha tigi michuda.**

Ikkunsidrat

**La darba giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, jisthoqq illi issa jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra lkoll flimkien, la darba lkoll kemm huma jirrigwardaw il-meritu tal-kaz odjern.**

**L-intimata, di fatti, tishaq illi l-email u ir-ritratt ma jaghmel ebda referenza ghar-rikorrent, ma humiex libelluzi fil-konfront tar-rikorrent, huma 'fair comment' ta' l-intimata ibbazata fuq fatti illi huma veri u li ma ghandhom l-element ta' animo injuriandi fihom.**

Kif qal Lord Denning fil-kawza *London Artists Ltd v Littler* [1969] 2 QB 375, 391:

> *"In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 KB 360,364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn – as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] AC 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true."*

Kif qal imbghad Lord Justice Bingham fil-kawza *Brent Walker Group plc v Time Out Ltd* [1991] 2 QB 33 dwar in-natura tal-kawza tal-libell:

> *"The civil law of libel is primarily concerned to provide redress for those who are the subject of false and defamatory factual publications. Thus in the simplest case A will be entitled to relief against B if B publishes a defamatory factual statement concerning A which B cannot show to be true. The law is not primarily concerned to provide redress for those who are the subject of disparaging expressions of opinion, and freedom of opinion is (subject to necessary restrictions) a basic democratic right. It is, however, plain that certain statements which might on their face appear to be expressions of opinion (as where, for example, a person is described as untrustworthy, unprincipled, lascivious or cruel) contain within themselves defamatory suggestions of a factual nature. Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified."*

Jirrizulta, fil-kaz odjern illi, a differenza ta' dak li qed tishaq l-intimata, illi l-email minnha mibghutha kienet mibghutha minnha f'mument ta' rabja taghha ghax ma kienetx ser tithallas ghal xahar li hija hasset li kellha tithallas ghaliha.

Jirrizulta ukoll illi kienet l-intenzjoni espressa ta' l-istess intimata li tibghat dina l-email lill kull min huwa involut fl-iskola ossija Kullegg St. Edwards, sabiex tgharrafhom bl-akkuzi illi hija kienet qed taghmel fil-konfront ta' min imexxi id-Dipartiment tal-Kontabilita' ta' l-iskola, ossija ir-rikorrent.

Jirrizulta ukoll illi, a differenza illi riedet taghti x'tifhem l-intimata, hija konxjament qabdet ritratt illi fih kien jidher ir-rikorrent qed jitkellem u, filwaqt illi sfukatlu ftit wiccu, ma ghamlet xejn biex tahbi il-persuna innifisha, bir-rizultat illi kullhadd seta jinduna, inkluz dina l-Qorti meta rat ir-rikorrent in Awla, illi l-persuna li jidher qed jitkellem kien attwalment ir-rikorrent inniffsu.

Jirrizulta ukoll illi l-intimata, konxjament ziedet fuq ir-ritratt kliem, attribwibbli lir-rikorrent, li jidher qed jitkellem, fejn jghid "*Ghax ha nghidlek - I mess with people for a living ...*".

Jirrizulta, bhala fatt, illi r-rikorrenti kienet impjegata ghas-sena skolastika ta' bejn l-1 ta' Settembru 2011 u il 31 ta' Awissu 2012 u, la darba hija bdiet tahdem fis 26 ta' Settembru 2011, hija thallset ghas-servizzi minnha resi sal 31 ta' Awissu 2012. Ghalhekk, ghalkemm l-intimata tistqarr illi hija ghamlet xoghol anke fix-xahar ta' Settembru 2011, jigifieri l-ewwel xahar ta' l-impjieg taghha, jirrizulta illi attwalment hija giet impjegata minn l-ahhar ta' Settembru 2011 u ghalhekk ma kienetx intitolata tithallas ghax-xahar ta' Settembru 2011.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt illi l-argument ta’ l-intimata illi r-rikorrent ma huwiex imsemmi seta possibbilment jregi f’kaz illi l-intimata baghtet l-email biss, dana certament ma japplikax in vista tar-ritratt illi hija ghazlet li tibghat flimkien ma’ l-email.

Il-fatt illi l-intimata ghazlet illi taghmel uzu minn ritratt li fih kien jidher ir-rikorrent, u hadet iz-zmien taghha biex immanipulatu billi oskurat l-ucuh u xiedet il-kliem fih, hija indikazzjoni cara bizzejjed li l-intenzjoni ta’ l-intimata kienet sabiex thammeg lir-rikorrent filwaqt illi tassikura li, jekk xi wiehed mis-sebgha u erbghin persuna li rcieva l-email kellu xi dubju dwar min kienet qed tilmeta l-intimata, tali dubju seta jigi ghal kollox eliminat la darba jaraw ir-ritratt anness.

Tenut kont tal-fatti kollha kif fuq esposti, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma huwiex minnu illi l-email u ritratt ma jindikawx lir-rikorrent u ma huwiex minnu illi huwa bbazat fuq fatti veri u li ghalhekk il-kummenti taghha huma fair comment. Jinghad ukoll illi ma huwiex minnu illi l-intimata ma kellhiex l-animus injuriandi meta baghtet l-email u ir-ritratt u certament ma huwiex minnu illi dak kontenut fl-email u, partikolarment, fir-ritratt anness ma’ l-email, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partjiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kawza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata u, ghalhekk

**Tilqa** it-talbiet attrici kollha u ghalhekk

**Tiddikjara** illi l-email datat 16 ta’ Novembru 2012 intitolat “To all the Staff at SEC” flimkien mar-ritratt mieghu anness huma malafamati u libelluzi fil-konfront tar-rikorrent u, a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta,

**Tikkundanna** lill-intimata Francesca Stivala thallas lir-rikorrent Sandro Bruno is-somma ta’ elf Euro (€1,000) bhala danni likwidati minn dina l-Qorti.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------